June 22, 2021, 10:58 AM

# Fwd: Re: Kaz Nicholas Grech

From: nicho.grech@gmail.com

To: office@ombudsman.org.mt

---

Jien Nicholas Grech pazjent fl-isptar Monte Carmeli MW7 li gieli ktibtlek drabi qabel u ghax il-Kummissarju ghas-Sahha Mentali, c-CEO u l-customer care tal-isptar Monte Carmeli jigu jaqghu u jqumu mil-ingustizzji fuq il-pazjenti, ikolli noqghod nikteb lilek.

L-ahhar li ktibtlek kien ghax vilment baqghu jcahduni milli nibdel il-konsulent Psikjatra David Cassar wara li kien xebgha jabbuza minni u bis-sahha tal-intervent taghkom sa fl-ahhar rnexxieli nigi taht il-Psikjatra J. Vella Baldacchino mit-13-Apr-21. Dan irtira lejn 5-Jun-21 u hadet over Psikjatra ghada zghira Catherine Dimech. Mill-20-Apr-21 minn jeddi naqqast il-kura li kien ilu minn zmien jivvalenani biha Cassar b'2/3 u mis-6-May-21 bdejt ma niehu xejn. Is-side effects tal-biza li kienu jqabbduni bhal constipation u attakki ta' delirium waqqfu minn xi jumejn wara, waqt li s-sintomi tal-bizibilju ta' mard mentali li frodament ittimbrani bih Cassar baqghu qatt ma hargu. Din ma kienitx l-ewwel darba li waqaft niehu l-kura: lura fis-17-Dec-17 Cassar ghax fosthom kont irrapurtajtu lill-Kunsill Mediku ipprova jkissirni b'injection Olanzapine li tant hi tal-biza li kull darba li jtuhilek hemm cans kbir li tqabdek il-post injection syndrome izda gara li l-awtoritajiet ma approvawilux u la bezaqa kellu jtini l-ekwivalenti f'pirmli u peress li l-istaff ma kienux joqghoduli attenti, kont ghamilt sa 11-Jun-20 ma niehu xejn, meta ghax irrapurtajt staff jaghmlu ljieli shah reqdin bdew joqghduli ghassa, u tul dan il-perjodu, sa qabel il-covid, kont anki nohrog ftit sieghat bil-leave u qatt ma kien hemm problemi jew hargu xi sintomi. L-istess gara meta lejn Marzu '21 kont ghamilt gimghatejn bil-covid go sala ohra bi staff differenti u ma kont niehu xejn, u l-istess qatt ma hargu sintomi ta' mard. Dan wara kollox mhux hlief dritt tieghi li Cassar kien abbuzivament u sfaccatament icahhadni minnu skont ma tghid il-Mental Health Act artiklu 3.1.i li tati dritt lill-pazjenti "li jagħtu kunsens liberu u informat qabel ma tingħatalhom xi kura u dak il-kunsens għandu jiġi reġistrat fir-rekord kliniku tal-pazjent. Dan mingħajr preġudizzju għad-dritt li jkollu l-pazjent li jirtira l-kunsens tiegħu". Ara wkoll il-kunsens li kont iffirmajt lura fl-2014 hawn attachment li baghat f'din l-email t'hawn taht lil Catherine Dimech li jtini d-dritt li "nirrifjuta l-kura proposta." Gara izda li din Catherine Dimech giet tkelimni fis-17-Jun-21 u dehrila li ma kellix ittini main garden kif igawdu pazjenti ohra u l-anqas behsieba ittini leave li kien tani l-ministru darba jghaddu l-muzuri tal-covid, li kif spjegajtila fl-email t'hawn taht li baghtilla fl-istess gurnata, mhux hlief rikatt biex tisfurzani niehu kura tal-biza u abbuz mill-pozizzjoni taghha galadarba dejjem gibt ruhi sew u qatt ma kont ta' periklu ghal hadd u addirittura meta spjegajtila u ghaddejtila dokumenti li jikxfu kif malizjozament kien origina t-timbru ta' mentali fuqi. Nitolbok tiehu passi fuq din l-ingustizzja u ksur tad-drittijiet tieghi.

Ukoll sehel li fl-istess gurnata dahhlu lill-ommi l-isptar, ghat-tieni darba hekk gravi fi zmien cirka sena, li sal-grizma regghu ghamlula (tista ticcekja mal-awtoritajiet tal-isptar Mater Dei, ommi Teresa Grech 338533M). Tlabta biex immur naraha ftit hin imma b'nuqqas ta' sensivita u bla kuxjenza ta' xejn l-anqas hablet rasa tirrispondi. Gieta tajba li ommi ghalkemm ghada bil-maskla, qalbet ftit ghall-ahjar, ghax kieku fuq il-gazzetti kont ingiba ccahhadni milli nara dik li gabitni fid-dinja ghall-ahhar darba. Il-kwistjoni hi li anki jekk ommi jirnexxila ssalva, ghandi nifhem li ma jergghux jghaddu ftit xhur ohra li ma jergghux idahluha l-isptar, u kemm se ddum tilghaba mal-mewt, ma nridx li jerga jigri l-istess u nerga nigi mcahhad milli naraha u nibqa' ghomri kollu bir-rimors li ma nkunx ftit minuti fejna fl-ahhar hinijiet ta' hajjita. Dan kieku kelli appuntament Mater Dei l-out patients kienu jhalluni mmur u ma narax ghaliex fejn ommi ma nithallix immur f'mumenti tant difficli ghalija. Nitolbok tiehu passi fuq dan.

Ukoll kif ktibtila fl-emails t'hawn taht, tlabta biex ittini access naghmel kopji ta' incident reports u x'inkiteb fil-file tal-isptar tieghi f'tali dati. Qed naghmillek attachment incident report sfaccat minnhom dak tal-4-Apr-18 fejn ghax kont dahhalt camera biex nikxef serq ta' ikel tal-pazjenti mill-istaff kienu vilment gabuni li qed inbati minn "inappropriate beliefs" u bi skuza t'hekk irduppjawli d-doza tal-pirmli ("treatment adjusted" avolja dak iz-zmien bil-mohbi xorta ma kont niehu xejn) flok hadu passi kontra l-istaff. Snin wara, xi jiem qabel 12-Jun-20 kont baghat video lic-CEO ta' staff jaghmlu ljieli shah reqdin u ghal darb'ohra flok hadu passi, ivvendikaw ruhhom minni billi sar xi ncident report jew nkiteb xi haga fil-file tal-isptar fejn ivvintaw fuqi li kont qed noqtol il-qtates tal-Half Way House. Biex l-istaff aktar jabbuzaw jorqdu, lili kienu tefghuni f' Make Ward 1 u ghax ghidtilhom biex indahhlu l-Puluzija ghax xbajt insofri abbuzi ghamluli xahar b' restriction of freedom of communication order. Meta sussegwentament irnexxili naghmel kuntatt mal-Puluzija u dawn baqghu ma hadux passi bi skuzi banali ghax certu affarijiet saru preskritti u biex inqabbad avukat jiggieled hu f'ismi, meta Cassar ra li ma hadux passi kontrih, gew jivvintaw fuqi li ridt intih xebgha skieken (kieku vera kienu jitolbu l-intervent tal-Pulizija biex jinterrogawni), tefghuni f'ward ohra, u ghax baghat video iehor ta' staff ljieli reqdin lic-CEO regghu ghamluli restriction of freedom of communication order ohra, ghal darb'ohra cahduni milli nuza l-mobile u l-laptop, u wara xahar fl-14-Sep-20 rritornawli l-laptop mis-sejf tal-isptar bl-iscreen imfarrak, sar incident report iehor izda ghal darb'ohra ma hadux passi kontra l-istaff u ma kkumpensawnix tal-eur 140 biex irrangajtu u wara baqghu ma hallewnix ndahlu u nkun nista' nuzah (qed niktbilkom bil-limitazzjonijiet kollha tal-mobile). Il-problema erga akbar hi li diga nsteraq il-kaz tieghi tal-qorti tal-2014 li kien fihom il-perizji bil-konkluzjonijiet zbaljati u wara sparixxa wkoll il-file tieghi tal-isptar, u kellhom jergghu jibdew iehor mill-gdid, u allura aktar ghandu jkolli access ghal dawn id-dokumenti ma jmurx jishlu jisparixxu wkoll ghax hemm minn ghandu hafna x'jitlef. Nitolbok tordna lil din Catherine Dimech ittini access ghalihom qabel ikun tard wisq, u ma nispiccax ma jkollix x'nuri u vilment jergghu jdawruha f'li jien qed inbati minn "inappropriate beliefs" fost abbuzi ohra. Jekk forsi taccetta li darba jkolli dawn id-dokmenti f'idejja, thallini nisphegalek u tinvestiga l-abbuzi warajhom, napprezza, imma forsi nkun qed nitlob wisq, wara kollox kemm se ddum taghmel xoghol li suppost qed jaghmel u jinvestiga haddiehor.

Nicholas Grech
ID no. 435076M

--
Sent from myMail for Android

-------- Forwarded Message --------
From: nicho.grech@gmail.com
To: catherine.dimech@gov.mt
Date: Friday, 18 June 2021, 06:50AM +02:00
Subject: Re: Kaz Nicholas Grech

> Jiddispjacini li qed ikolli nerga niktiblek imma c-cirkustanzi ma ppermettewlix mod iehor. 'L bierah semmejtlek li cemplitli ohti tghidli li ommi qalbet ghal hazin u vilment ghidtli biex inkellem lill-avukat biex inkun nista' mmur naraha. Madwar sena ilu ommi fi zmien il-covid ukoll, ukoll kienet qed tilghaba mal-mewt u l-Psikjatra David Cassar minkejja l-hdura li ghandu ghalija kien hallini mmur naraha ghal ftit hin akkumpanjat min-nurse. Nitolbok ma ccahhadnix minn dan id-dritt, din id-darba nahseb li se nitlef lill-ommi darba ghal dejjem, u nitolbok tkunx bla qalb f'dawn il-mumenti tant difficli ghalija ccahhadni milli naraha ghall-ahhar darba qabel ikun tard wisq.
>
> Nicholas Grech
>
> --
> Sent from myMail for Android
>
> Thursday, 17 June 2021, 04:34PM +02:00 from nicho.grech@gmail.com:
>
>> Qed naghmillek attachment id-dokument ta' kunsens li kienu tawni biex niffirma ftit jiem qabel inqatghet is-sentenza tal-Qorti fl-2014 u li klawsola minnhom ittini d-dritt li "nirrifjuta l-kura proposta" minghajr ma ssemmi ebda riperkussjonijiet jekk naghmel dan, aktar u aktar jekk dejjem inkun gibt ruhi sew u qatt ma kont ta' periklu ghal hadd u l-anqas ghalija nnifsi. Ghalhekk dak li rrepetejt fis-seduta ta' dal-ghodu li ghax m'hiniex qed niehu ebda kura, behsiebek ma ttinix main garden u l-leave li jien intitolat ghalih darba jghaddu l-mizuri tal-covid, mhux hlief att kriminali jissejjah "rikatt" fejn qed thedded lil dak li jkun b'riperkussjonijiet jekk ma niehux kura. L-istess rikatt bhalma kien ghamel l-avukat Tonio Azzopardi fl-ittra tieghu tal-2002 li urejtek fejn minn gurnata qabel kellhom jarawni t-tobba ghas-suppost ezami diga premeditat minn qabel, kien qalli li ninghata l-helsien biss kemm il darba nwieghed li niehu l-pilloli. Darba jghaddu sena sentejn u jibqghu ma johorgu ebda sintomi ta' mard, ara kif se tirrispondi jekk tkun hallejtni sekwestrat maqful ghax m' hiniex niehu kura. Ukoll illum urejtek l-ittra tal-kummissjoni amministrazzjoni tal-gustizzja tiddeplora l-agir ta' Peralta u ddeskrivejtlek kif sussegwentament ghal dak l-agir u malizjozament origina t-timbru ta' mentali fuqi. Ukoll urejtek l-konkluzjoni tal-Psikjatri fl-ezami taghhom tal-2014 tat-tieni kaz li kelli l-qorti fejn fosthom jissemma li kien kaz li ghax waqaft niehu l-kura kif kont bellghajtilhom meta altru ma kienx il-kaz u li ghandi x' nuri ghal dan b'pirmli ghadhom intatti fil-package ta' tant snin ilu addirittura mill-2002. Urejtek dokumenti fejn juri bic-car lokk ta' abbuzi imma donnu tippreferi shab fl-ajru l-kelma ta' kollega psikjatra bhalek milli l-evidenza u fatti. Issa li ghal darb'ohra nfurmajtek bl-abbuzi addirittura bil-miktub, ghandhek tkun taf ukoll li "not reporting makes you complicit", qisu tifel jirrapporta lis-surmast li l-ghalliem abbuzah u dan ma jiehux passi, talli jinkrimina lilu nnifsu billi jaghmel dak li jissejjah cover-up u ma jarax li jghin lill-vittma. Ukoll ghidtlek li suppost ghandi nidher quddiem magistrat inkwetenti u nixhed f'kawza kostituzzjonali, u wahda mir-ragunijiet li waqqaft il-kura kienet fosthom biex ma nkun illupjat u nkun f'pozizzjoni tajba li nixhed u nikxef il-gherq kollu, u ghal darb'ohra jekk timponi kwalunkwe kura fuqi addirittura kontra l-kunsens attached u wara li zvelajtlek ftit mil hafna qerq, ninterpretah bhala li qed taghmlu wkoll b'komplicita ma minn qarraq biex ma thallinix nikxef abbuzi li ghalihom ghandi aktar minn bizzejjed dokumenti x'nuri, kuntrarju ghal haddiehor li biex salva karriera lill-Magistrat Peralta attribwili xebgha mard mentali minghajr l-icken bazi xjentifika. Ukoll tahseb li hi xi haga komuni li jisparixxi l-kaz tieghek mill-arkivji tal-qorti bhalma sparixxa l-file tieghi tal-isptar ghalkemm ta' dan ghandi kopja digitali ta' kull karta li kien fih u fosthom ir-rapport tal-perizji tal-psikjatri bil-konkluzjni zbaljata jinsab fil-kustodja tieghi bil-finger prints b'kollox. Il-psikjatra David Cassar suppost fetah il-kaz mill-gdid darba nfurmajtu bil-konkluzjoni zbaljata, imma dan kien iwassal biex jikkrollalu l-kastell tar-ramel li bena minn snin ilu meta gabni ta' mentali u allura abbuzivament hallini sekwestrat maqful l-isptar u baqa' jkissirni b' kura b'side effects tal-biza. Biex nikkonkludi, nghidlek biss li int ghadek fil-bidu tal-karriera tieghek, tikkompromettix ruhek tkun ta' paraventu ghal min il-Psikjatrija juzaha biex jabbuza u jkisser il-vittmi li jishlu jigu tahtu. Ukoll ghandi bzonn kopja ta' xi incident reports li fosthom kienu saru ghax kont irrapurtajt staff jabbuzaw biex nurihom lil min jikkoncerna tal-abbuzi li ilni nsofri fis-skiet. Din l-email se nuzaha bhala prova digitali li nfurmajtek b'dan kollu.
>>
>> Tislijiet,
>>
>> Nicholas Grech
>> ID no. 435076m
>>
>> --
>> Sent from myMail for Android

---

- Incident04Apr18_1.jpg
- Incident04Apr18_2.jpg
- Incident04Apr18_3.jpg